# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 1396

KAZ NRU. 1535

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

HSBC Bank Malta plc

u

General Workers' Union

u

Malta Union of Bank Employees

rigward it-talba ghall-gurnata
"off" tad-9 ta' Mejju 2001

illum l-Erbgha 2 ta' April 2003

**Chairman: Is-sur Carmel Debono**

**Membri: Is-sur Anthony DeGiovanni**
**Is-sur Charles Magro**

1. Introduzzjoni.

Din it-Tilwima tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata l-10 ta' Mejju 2001 Ref MSP/2/97/41 - 857/01 biex tigi pprocessata skond l-Artiklu 27 tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali.

It-*Terms of remit* proposti mill-*HSBC Bank Malta plc* huma s-segwenti 'illi t-Tribunal Industrijali ghandu jiehu konoxxenza tat-Tilwima Industrijali bejn il-partijiet u wara li jisma' l-partijiet jaghti l-*Award* tieghu rigward l-interpretazzjoni korretta tal-ligi u l-Ftehim Kollettivi bejn il-partijiet fuq il-kwistjoni jekk il-*Unions* humiex intitolati jitolbu bi dritt illi l-impjegati jinghataw gurnata vaganza zejda bi hlas fid-9 ta' Mejju 2001 u jekk din it-talba hijiex bi ksur tal-ftehim kollettivi'.

It-Tribunal zamm ghaxar (10) seduti.

2. Preliminari.

Saret laqgha preliminari nhar il-Hamis 17 ta' Mejju 2001 fejn il-*Unions* qablu li jwaqqfu l-azzjoni ndustrijali li hadu wara li l-bank iddecieda li josserva l-proceduri passati dwar il-gurnata 'leave' li dwarha hemm it-tilwima sakemm it-Tribunal jghati decizjoni.

Il-bank innomina lis-sur Anthony DeGiovanni bhala l-Membru ghan-naha tieghu bis-sur Michael J. Mallia bhala sositut. Aktar tard wara din is-seduta il-*Unions* innominaw lis-sur Charles Magro ghan-naha taghhom, wara li s-sur James Pearsall irrikuza n-nomina tieghu bhala ir-rapprezentant tal-*Unions* fuq it-Tribunal.

3. Rapprezentanza.

Ghal *HSBC Bank Malta plc* dehru

| | |
|---|---|
| Is-sur Philip Borg | *Human Resources Manager* |
| Is-sur Stuart Mc Leod | *Head of Human Resources* |

assistiti mill-Avv. Andrew Borg-Cardona

Ghal Bank of Valletta plc dehru

| | |
|---|---|
| Is-sur Alfred Pace | *A.G.M. Personnel* |
| Is-sur Rene Formosa | *Consultant BOV* |
| Is-sur Ray Lanzon | *A.G.M. Human Resources* |

assistiti mill-Avv. Clarence Busuttil

Ghal *General Workers' Union* deher

| | |
|---|---|
| Is-sur Karmenu Vella | Segretarju *Professional Services Section tal-G.W.U.* |

assistit mill-Avv. Aaron Mifsud Bonnici

Ghal *Malta Union of Bank Employees* dehru

| | |
|---|---|
| Is-sur Brian Decelis | Segretarju |
| Is-sur Felix Galea | *Chairperson HSBC Group Committee* |
| Is-sur Neville Bonnici | Vici President |

assistit mill-Avv. Pawlu Lia

Fis-seduti sussegwenti tat-Tribunal deher wkoll is-sur Domenic Lewis, *Deputy Head H.R.* ghal *HSBC Bank Malta plc.*, is-sur Charles Grech Soler, *Manager H.R. Issues,* ghal *Bank of Valletta plc.* u s-sur Pierre Camilleri, *General Secretary* ghal *Malta Union of Bank Employees.*

4. Digriet.

Fit-2 ta' Lulju 2001, it-Tribunal kien iddikjara f ' Digriet li wara li ha konjizzjoni tal-ftehim bejn il-partijiet biex il-provi jigu infilzati fl'atti taz-zewg kazi, iddecieda wkoll li jisma' l-kazi separatament u jghati *award* separat ghal kull kaz.

5. Dokumenti.

Tul is-smiegh tat-Tilwimiet gew esebiti u pprezentati diversi dokumenti li kienu jinkludu il-*collective agreement* bejn il-bank *HSBC Bank Malta plc* u *Bank of Valletta plc* u l-*Malta Union of Bank Employees* u l-*Professional Services Section* tal-*General Workers' Union* ghall-perjodu 1999-2001, u l-Korrispondenza skambjata bejn il-partijiet fuq is-suggett tad-9 ta' Mejju 2001.

6. Xhieda.

Tul is-smiegh taz-zewg tilwimiet xehdu s-segwenti persuni:

| | |
|---|---|
| Is-sur Joseph V. Gatt | *ex-General Manager BOV plc* |
| Is-sur Philip Borg | *Human Resources Manager HSBC Bank Malta plc* |
| Is-sur William Portelli | President *MUBE* |
| Is-sur Karmenu Vella | Segretarju - *Professionals & Services Section G.W.U.* |

7. Konsiderazzjonijiet.

Fost l-ghanijiet tal-partijiet li jaghmlu ftehim industrijali hemm dak ta' stabbilita' fir-relazzjonijiet industrijali matul il-validita' tal-ftehim. L-istabbilita' tirrizulta mill-fatt li z-zewg partijiet ikunu qablu dwar il-kondizzjonijiet tax-xoghol u beneficcji ohra bil-hsieb li dawn ma jinbidlux matul il-validita' tal-ftehim minghajr il-kunsens ta-zewg partijiet. din l-istabbilita' fir-relazzjonijet industrijali hija mehtiega fil-kamp industrijali.

F'dan ir-rigward l-Artiklu 37 tal-Ftehim Kollettiv bejn il-*Bank of Valletta plc* u l-*General Workers' Union* u l-Artiklu 39 tal-ftehim bejn il-*Bank of Valletta plc* u l-*Malta Union of Bank Employees* jaqblu f'kull kelma f'dak li hemm miktub dwar il-*vacation leave.*

It-Tribunal innota li l-*General Workers' Union* ma ghamlitx talba ghal gurnata *vacation leave* addizzjonali qabel ma gie ppublikat l-avviz rilevanti fil-Gazzetta tal-Gvern, u qabel ma saret taf li l-bank kien ser jissospendi l-operat tieghu; it-talba tardiva taghha biex jekk il-bank jissosspendi l-operat tieghu tinghata gurnata *leave* addizzjonali tammonta ghal istess haga. It-Tribunal Industrijali jaghraf ukoll li b' avviz ta' azzjoni industrijali minghand il-*Malta Union of Bank Employees* b'indikazzjoni li 25% ta' l-impjegati wrew ix-xewqa li jiehdu gurnata *vacation leave* fil-jum kontestat, f'cirkostanzi li l-banek l-ohrajn kollha fil-*Malta Union of Bank Employees* kompliet tinsisti biex il-bank ma joperax u jaghti

gurnata *vacation leave* addizzjonali lil kullhadd u fuq in-naha l-ohra bil-*General Workers' Union* tinsisti biex il-bank jopera inkella titlob gurnata *vacation leave* addizzjonali ghal kullhadd, l-ghazla tal-bank kienet limitata. Il-bank kellu jew li jmur kontra x-xewqa normali u jhallas hafna pagi ghal xejn, jew li jmur kontra x-xewqa tal-*General Workers' Union*, jissospendi l-operat kif ghamel u jaghti gurnata *vacation leave* addizzjonali.

Nhar it-23 ta' April 2001 il-*Malta Union of Bank Employees* dehrilha li t-tieni migja tal-Papa f ' Malta fid-9 ta' Mejju 2001 kienet raguni sufficjenti biex titlob gurnata *vacation leave* addizzjonali ghal dak li hemm fil-ftehim industrijali bejn il-partijiet aktar tard nhar it-30 ta' April 2001 il-*General Workers' Union*, wara li saret taf li l-bank kien ser jissospendi l-operat tieghu minhabba li d-9 ta' Mejju 2001 giet iddikjarata *Bank Holiday* mill-Gvern fuq talba ta' wiehed mill-banek, ghamlet talba simili. Dawn iz-zewg talbiet holqu problema mill-Gvern lill-banek. Fuq naha wahda kien hemm il-*Malta Union of Bank Employees* li riedet lill-bank jissospendi l-operat tieghu nhar id-9 ta' Mejju 2001 u jaghti gurnata *leave* addizzjonali lill-impjegati kollha. Fuq in-naha l-ohra kien hemm il-*General Workers' Union* li ghalkemm ma ghamlitx talba biex il-banek jissospendu l-operat taghhom hadet pozizzjoni li jekk il-banek jaghmlu hekk tkun kostretta titlob gurnata *leave* addizzjonali. Iz-zewg talbiet ghal zieda fil-*vacation leave* kienu rifjutati mill-banek. Wara l-avviz ta' tilwima industrijali miz-zewg *Unions* u theddid ta' azzjoni industrijali il-banek iddecidew li jissospendu l-operat taghhom nhar id-9 ta' Mejju 2001 u rreferew l-kaz biex jinstema' u jigi deciz minn Tribunal Industrijali.

Il-banek kellhom kull dritt jirrifjutaw din it-talba ghal zieda fil-*vacation leave* minhabba li din ma kinitx koperta fil-ftehim industrijali vigenti. Il-banek ghalhekk issospendew l-operat taghhom bhal ma ghamel kull bank iehor f' Malta u gharfu lill-*Unions* li kienu sejrin inaqqsu jum mill-*leave* tal-impjegati.

Ghaldaqstant il-kwistjoni li jenhtieg li jiddeciedi dan it-Tribunal hi jekk il-banek setawx jissospendu l-operat taghhom f ' jum dikjarat mill-Gvern bhala *Bank Holiday* u jittrattaw il-gurnata bhat-tlett *Bank Holidays* li dwarhom kien hemm ftehim li jawtorizzhom inaqqsu gurnata mill-*vacation leave* tal-impjegati.

Biex wiehed jasal ghal decizjoni dwar dan jenhtieg li jifhem x'inhu l-kuncett tal-*Bank Holiday*, kif dahlu l-*Bank Holidays* u x ' inhu l-ftehim bejn il-partijiet dwar il-*Bank Holidays.*

Izda l-bank u l-impjegati tieghu u ghall-*Unions*, is-suggett dwar il-*Bank Holidays* hu ta' interess kbir. Tant li l-istess suggett hu regolat bil-ftehim industrijali ta' diversi banek jekk mhux kollha.

Fix-xhieda tieghu Karmenu Vella, Segretarju tal-*Professionals & Services Section* tal-G.W.U. spjega kif fl-imghoddi fuq inizjattiva biex f ' *Bank Holiday* il-banek jissospendu l-operat taghhom, il-*Unions* ghamlu sondagg fost l-impjegati. Minn dan irrizulta li l-maggoranza tal-impjegati jippreferu li f ' *Bank Holiday* il-banek

jissospendu l-operat u huma jiehdu gurnata *leave* minn taghhom. Hekk twieldu t-tlett *Bank Holidays* li jezistu f'xi ftehimiet industrijali.

Il-ftehim Industrijal tal-*Bank of Valletta plc* huwa sieket dwar it-tliet *Bank Holidays.* Nafu li f ' *Bank Holiday* il-banek kollha jissosspendu l-operat taghhom u jnaqqsu gurnata mill-*vacation leave* minn dokumenti ohra esebiti. X'jifhmu l-partijiet li ghandu jsir f ' *Bank Holiday* fl-interess tal-bank u ta' l-impjegati jirrizulta mix-xhieda ta' Karmenu Vella, Segretarju tat-Taqsima tal-*General Workers' Union*. Il-kuncett tal-partijiet ta' *Bank Holiday* kien li din ghandha tkun gurnata meta l-banek jissospendu l-operat taghhom, l-impjegati kollha ma jkunux mistennija jattendu ghax-xoghol u titnaqqas gurnata *vacation leave* minn ta' l-impjegati kollha. Wara li ebda wahda miz-zewg *Unions* ma wriet ir-rieda li testendi dan il-kuncett ghal jum il-migja tal-Papa fid-9 ta' Mejju 2001, il-banek kienu kostretti li jirreferu t-tilwima biex tigi deciza mit-Tribunal Industrijali.

Meta nhar il-*millenium* il-banek ghazlu li jghatu gurnata *leave* addizzjonali lill-impjegati m'ghandux rilevanza ghal dan il-kaz. Dan ghaliex dakinhar ma kienx hemm *Bank Holiday* u l-banek ghazlu li jissosspendu l-operat ghal ragunijiet teknici. Il-*Unions* ma jistawx jippretendu li ghaliex il-banek ghamlu hekk fl-okkazzjoni tal-1 ta' Jannar 2000, ghandhom jaghmlu hekk fl'okkazzjoni bhal dik tad-9 ta' Mejju 2001.

Preambolu ghad-Decizjoni

It-Tribunal Industrijali nnota il-kontenzjoni tal-*Unions* ta' kemm setghu il-banek, f'dan il-kaz l-*HSBC plc* inaqqas gurnata mill-*leave* annwali *entitlement* tal-impjegati minghajr ftehim mal-*Unions*.

Innota wkoll li l-Gvern iddikjara l-jum tad-9 ta' Mejju 2001 bhala *Bank Holiday* skond l-Artiklu 3(4) tal-Att dwar Kummerc Bankarju, Kap 371 tal-Ligi.

Dan sar wara talba tal-banek stess lil Gvern, talba li l-*HSBC Bank Malta plc* jinnega li ghamel.

Naturallment id-dikjarazzjoni tal-Gvern kienet tfisser gurnata ohra *Bank Holiday*, izda li ma kinitx koperta bhala wahda mit-tlett (3) *Bank Holidays* miftehma bejn l-*HSBC Bank Malta plc* u l-*Unions*.

Waqt li l-Gvern ma jidholx fil meritu jekk il-banek jahdmux jew le, jinteressah biss jekk il-bank jiftahx ghall-pubbliku u dan fl-interess tal-pubbliku.

Waqt li l-*Unions* jikkontendu li l-*HSBC Bank Malta plc* ma setax inaqqas gurnata *leave* mill-*leave entitlement* tal-impjegati, it-Tribunal jinnota li l-*collective agreements ma jistipulaw xejn dwar il-kundizzjonijiet li jirregolaw kif tittiehed Bank Holiday*.